MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 222/2009

**GO p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Availacall Ltd (C36449)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta’ attrici fl-4 ta’ Marzu, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta attrici, li precedentement kienet topera taht l-isem ta’ Maltacom p.l.c., bidlet isimha, u dan fl-istess waqt li hija zammet l-istess personalita guridika ezistenti stante li n-numru ta’ registrazzjoni taghha mar-Registratur tas-socjetajiet baqa’ l-istess, cioe C-22334.

2. Illi s-socjeta attrici hija s-successur tal-kumpanija Datastream Limited.

3. Illi s-Socjeta' konvenuta kellha u ghad ghandha taghti lis-Socjeta' Datastream Limited is-somma ta' tlieta u tletin elf, mija u tmienja u tletin ewro u tlettax-il centezmu (€33138.13) u dan kif aktar spjegat fl-anness dokument immarkat Dok IZY 1.

4. Illi s-Socjeta' konvenuta giet interpellata biex thallas izda din baqghet inadempjenti;

5. Illi l-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young hija wkoll impjegata mas-Socjeta' attrici p.l.c. u taf b'dawn il-fatti personalment, wara li vverifikat ma' l-informazzjoni relattiva tas-Socjeta attrici.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet li s-socjeta' konvenuta ghar-ragunijiet premessi tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u provedimenti opportuni :

Tikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u tletin elf, mija u tmienja u tletin ewro u tlettax-il centezmu (€33138.13) hekk kif mitluba hawn fuq.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-prezenti, dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet dekorribli mid-data tal-ittra ufficcjali mibghuta lis-Socjeta' konvenuta datata 17 ta' Marzu, 2008 (kopja hawn anness imamrkata dok IZY2), liema socjeta konvenuta hija minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta risposta guramentata u b'hekk baqghet kontumaci;

Rat l-affidavit ta' l-Avukat Dr Ingrid Zammit Young ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici fis-seduta tat-2 ta' Gunju, 2010 tikkonferma bil-gurament illi l-ammont reklamat fir-rikors guramentat ghadu dovut;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ippruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta, tiddeciedi billi tilqa it-talba attrici, kif dedotta fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u tletin elf, mija u tmienja u tletin ewro u tlettax-il centezmu (€33138.13) hekk kif mitluba hawn fuq; bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------